# Id-Djalett Malti tas-Siġġiwin

***kitba ta' Carmel Vella****

## Djaletti Reġjonali

Huwa magħruf sew li f'kull pajjiż l-abitanti, barra li jitkellmu l-ilsien uffiċjali tal-post, ssibhom jużaw djalett, jew lingwaġġ ta' l-istess ilsien f'inħawi differenti tal-pajjiż li jkun. Fi Franza il-Franċiż uffiċjali kif mitkellem f'Pariġi ivarja sew minn dak li jitkellmu l-abitanti ta' Marsilja fin-nofsinhar tal-pajjiż, kif ukoll dawk ta' Bordeaux fil-punent, ta' Lille fit-Tramuntana jew dawk ta' Strasbourg fil-lvant. L-istess fl-Italja, fejn kull reġjun u wkoll kull provincja ssib li t-Taljan li jitkellmu n-nies tal-post bilkemm jiftiehem mat-Taljan pur tat-Toskana. L-Isqalli, in-Naplitan, il-Pjemontiż huma kważi lingwi fihom infushom li ma tantx jifhmuhom dawk li jgħixu f'reġjuni oħra ta' l-Italja.

Illum, bis-saħħa tal-mezzi tal-komunikazzjoni - ġurnali, radju u televiżjoni - kif ukoll bit-tagħlim fl-iskejjel, l-ilsien propju ta' kull pajjiż stabilixxa ruħhu f'livell nazzjonali u sar mitkellem u miftiehem f'ull rokna tal-pajjiż li jkun. Imma, bejniethom, in-nies baqgħu jikkumunikaw ma' xulxin bid-djaletti, jew *patois,* antiki tagħhom, djaletti reġjonali li tnisslu ħafna żmien ilu meta bejn reġjun u ieħor ma kiex hemm mezzi ta' komunikazzjon faċli u l-abitanti kienu maqtugħin ferm minn xulxin.

## Djaletti tal-Malti

Issa niġu għal Malta li, imqabbla ma' pajjiżi oħra bħall-Italja, Franza u Spanja, mhix ikbar minn belt provinċjali tagħhom. Sadattant, f''Malta u f'Għawdex issib ukoll in-nies ta' kull distrett jew raħal jikkomunikaw flimkien bi kliem imsawwar b'mod differenti mill-Malti mitkellem fil-Belt u fl-inħawi tal-Port, fejn in-nies jitkellmu l-Malti uffiċjali kif użat mill-midja kollha fil-gżejjer tagħna.

Iżda hawn ta' min jgħid li, għalkemm il-Malti tal-Belt hu aċċettat bħala l-ilsien xempju, fil-fatt dak mitkellem fl-irħula mbiegħeda tal-kampanja kien propju l-ilsien tal-Maltin u l-Għawdxin sa minn żmien il-Fenici, u minn żmien il-ħakma Għarbija xi elf sena ilu. Iżda ġara li biż-żjarat ta' baħħara barranin li kienu jaslu fil-portijiet tagħna, in-nies li kienu jgħixu f'dawk l-inħawi bdew jinqdew bi kliem minn ilsna oħrajn li kienu jisimgħu minn dawk il-baħrin biex ikunu jistgħu jiftiehmu u b'hekk, il-Malti safi li kien mitkellem sa , ngħidu aħna, qabel il miġja tal-kavallieri, tħallat ma' kliem Sqalli, Taljan xi ftit Spanjol u Franċiż u, aktar tard, ma' l-Ingliż meta sirna kolonja Ingliża fil-bidu tas-seklu dsatax. Permezz ta' dik it-taħlita ta' kliem barrani il-Malti semitiku' jew safi, iddakar sewwa bi kliem Romantiku u Ingliż li nisimgħu llum, tant li dan issa ġie aċċettat bħala l-Malti ufficjali li x'uħud isejhulu Malti 'pulit'. Imma dejjem jibqa' l-fatt li l-Malti mitkellem fl-irħula ta' qalb l-għelieqi huwa l-Malti bażiku u huwa għajb li qajla qajla qed jintilef mar-riħ. Sa mitejn sena ilu dak il-Malti 'safi' kien għadu mferrex ma' kullimkien tant li fil-***Lexicon***, jew Dizzjunarju, ta' Mikiel Anton Vassalli, li ħareg fil-

bidu tas-seklu dsatax, intuza dak it-tip ta' Malti antik u mhux il-Malti li naqraw dażmien.

Fil-fatt, ukoll llum fadal għadd sewwa ta' nies fil-kampanja li għadhom jużaw il-Malti antik jew, kif inhu magħruħ "tar-raħal". Haġa tassew kurjuża kif f'kull raħal, fiż-żewġ gzejjer Maltin, issib lingwaġġ varjat sewwa bejn post u ieħor. Hekk, ngħidu aħna, tispikka ferm id-differenza bejn il-Malti mitkellem mir-raħlin tal-Mosta u dawk ta' l-Imqabba. Is-Siġġiwin ukoll għandhom il-lingwaġġ tagħhom li, fl-opinjoni tiegħi, huwa fit-triq tan-nofs bejn iż-żewġ estremi li għadni kif semmejt.

## Djalett tas-Siġġiewi

Is-Siġġiewi fl-antik kien raħal tal-bdiewa maqtugħ mill-inħawi kummerċjali ta' madwar il-port, għalkemm qrib sewwa ta' l-Imdina li kienet il-belt ewlenija ta' Malta. Iżda din il-belt qadima qatt ma kienet meqjusa xempju tal-Malti 'modern" Jien niftakar li sas-snin għoxrin u tletin tas-seklu li għadu kif għadda, kważi kullħadd fis-Siġġiewi kien għadu jitkellem id-djalett lokali, ukoll dawk ta' ċerta edukazzjoni, inklużi l-ftit professjonisti u l-qassisin. Sintendi, għalkemm fuq medda mnaqqsa, dan id-diskors djalettali fis- Siġġewij għadu jinstema' sa llum, l-aktar fost il-bdiewa u l-ħaddiema ta' l-id .

Kien wara l-influss ta' nies minn naħat tal-Kottonera, li ġew bħala rifuġjati fis-Siġġiewi matul l-aħħar gwerra dinjija, li naqas sewwa l-użu tal-Malti lokali. Minn dak iż-żmien 'l hawn tħallatna sewwa ma' nies li kienu jitkellmu bil-Malti 'pulit' u ftit ftit il-ġenerazzjoni l-ġdida bdiet taddotta dik il-linja. Issa għaddew aktar minn sittin sena minn dak iż-żmien u l-Malti verament raħli fis-Siġġiewi naqas qatigħ.

Bil-għan li dak il-Malti à la Siġġiwija ma jkomplix jgħib għal kollox, ser nagħti xi eżempji ta' kliem biex nuri kif dan ivarja mill-Malti uffiċjali tal-lum. Irrid ngħid li dan hu biss eżerċizzju sempliċi ta' osservazzjonijiet tiegħi, għax biex jingħata hjiel xjentifiku ta' dan il-kunċett djalettali ikun jeħtieġ studju aktar fil-fond, fejn żgur li jinstabu aktar elementi li minnhom wieħed ikun jista' jistabilixxi ċerti regoli u eċċezzjonijiet.

## Xi ftit eżempji ta' tibdil

It-tibdil ewlieni bejn il-pronunzja tas-Siġġiewi u dik tal-Malti uffiċjali jikkonsisti essenzjalment fil-qlib, jew tgħawwiġ, tal-vokali **a, e i, o, u,** jiġifieri il-mod kif dawn jitlissnu fl-ambitu tal-kelma.

### Nibdew mill-vokali 'a'

( i ) Fi kliem li fih din il-vokali bl-aċċent fuqha, din tinqaleb fil-vokali '**u**', li tixbah l-'**oo**' fil-kelmiet Ingliżi *"moor"*, u *"poor"*. Eżempji: màr = mur (li tinħass l-istess bħal '*moor*'). Hekk ukoll ràs = rus, ħmàr = ħmur, swàr = swur, fràn - frun, sàla = sula, ħitàn = ħitun, kappillàn = kappillun, Kaspàn = Kaspun u oħrajn bħal dawn.

(ii) Hawn ta' min-josserva li meta l- **à** taħbat qabel żewġ konsonanti, din ma tibdilx leħenha u tibqa' titlissen '**a**', kekk insibu: pitàzz, katnàzz, tirànn, xàtt, kavàll, kuràġġ, àrt, pastàrd, daħħàlt, rkànt, mard, eċċetra.....

(iii) Ftit kliem fejn l-**a** tkun qabel żewġ konsonanti imma tinsab fis-sillaba ta' qabel l-aħħar (il-penultma) din titbiddel fil-vokali **u** bħal fil-kas ta l- **à** kif urejna taħt ( i ) hawn fuq.

Eżempji: pàpra = pupra, sàgra = sugra, pàgru = pugru, pàlju = pulju - imma dawn huma eċċezzjonijiet.għax ġeneralment l-**à** tas-sillaba penultima tibqa' titlissen **'a'.** Eżempji: karta, balla, ħalfa, għalqa, daqqa, qatra, artna, paġna, eċċ...

(iv) Hekk ukoll meta l- **a** ta' l-aħħar sillaba ma jkollhiex aċċent fuqha, din tibqa' tinstema' **'a'**, bħal: tamal, faħal, satal, ġabar, sebaħ, fetaħ, eċċ..

(v) Meta l-vokali '**a**' taħbat fi tmiem ta' kelma, bħal *'kelba'*, fis-Siġġiewi aktarx nagħtuha leħen ta' dittong **'æ'**, jiġifieri bejn l-**a** u l-**e**, leħen li jixbaħ ħafna lill-artiklu Ingliż '**a**' - *a boy. a man.* Hekk, fl-eżempji li ġejjin, insibu li l-aħħar 'a' titlissen **'æ'** jew bhal **'a'** f' *'a boy'*: per Eż: mejdæ, wejbæ, bejtæ, sejbæ, werqæ, xebbæ, trejqæ, żiedæ , ġliedæ, eċċ.

Hawn ukoll insibu eċċezzjonijiet fejn l- **a** ma tbiddilx lehenha u tibqa 'a' naturali: Eżempji: karta, santa, barda, banda, forka, sakra, ċappa, artna, eċċ.

**Vokali 'e'**

Issa niġu għall-vokali '**e**': Fl-aħħar żewġ kelmiet ta' (iv) hawn fuq, (i.e. sebaħ u fetaħ), għalkemm l-'**a**' ma tbiddilx leħenha, il-vokali '**e**' li fuqha jaqa' l-aċċent bid-djalett tas-Siġġiewi ukoll tibdel leħenha fid-dittong **æ.** Mela 'sebaħ' issir 'sæbaħ' u 'fetaħ' issir 'fætaħ'. Bħal dawn hemm ħafna oħrajn kif naraw minn dawn l-eżempji li ġejjin: xebba = xæbbæ, bejta = baejtæ, mejda - maedæ, werqa = wærqæ, trejqa = træjqæ, setta = sættæ

L-istess jiġri meta l- **e** bl-aċċent taħbat quddiem żewġ konsonanti, fejn din tinħass **'æ'** jew bħal **a** bl-Ingliż f' *a boy*. Eżempji: dell = dæll, kelb = kælb, serp = særp, ferħ = færh, ebel = gæbel, meraq = mæraeq, rukkell = rukkæll, pinzell = pinzæll, farfett = færfætt, Kunċett = Kunċætt, bukkett = bukkætt, kurkett = kurkætt .

Fi kliem li fih id-dittong 'ie' u jispiċċa bl-'a', din ukoll inlissnuha 'æ'.

Eżempji: sieqha = sieqæ, tieqa = tieqæ, tiġieġa = tiġiġæ.

**Vokali 'o'**

Din, bħal vokali **'a'**, tinqaleb f'**'u'**, jekk ikolla l-aċċent fuqha, f'sillaba qabel ta' l-aħħar. Eżempji: ħòdor = ħudor, sòfor = sufor, bòdbod = budbod, boċċa - buċċa, bolla = bulla, bosta = busta, ħorġa = ħurġa, skola = skula, soppa = suppa, proxxmu = pruxxmu, Mosta = Musta, borma = burma, ħobża = ħubża. Ma' dawn inżidu 'oġġett' li ssir 'uġġett' għalkemm ma fihiex aċċent fuq l-**o.**

Hemm ukoll eċċezzjonijiet fejn l-**o** ma jinbidilx: Eżempji - loqom, għorfa, toqba.

Meta l-**o** ikun fl-aħħar sillaba jew f'sillaba weħedha din tibqa' titlissen '**o**'. Eżempji: bòdbod = budb**o**d, qòton = qut**o**n, lòżor = luż**o**r, patal**o**tt, ir**o**dd, kap**o**tt

**Vokali 'i'**

Din hi vokali pura u fil-lingwaġġ tas-Siġġiewi ma tbiddilx leħenha - dejjem tibqa' titlissen 'i' normali.

Eżmpji: sid, id, vit, rit, Rita, ħaxix, sardin, sabiħ, każin, bir, ġardin, eċċ

**Vokali 'u'**

Dil-vokali hi ukoll meqjusa bħala vokali pura imma fis-Siġġiewi niksrulha l-ħoss u nibdluha fid-dittong '**iw**'. Eżempji: but = biwt, hut = hiwt, mus = miws, flus = fliws, ibus = ibiws, ħruġ = hriwġ, Lhud = Lhiwd, xhud = xhiwd.

Dan li għedt jgħodd sa fejn jidħlu l-vokali: imma jekk wieħed irid jidħol fid-dettall isib xi jgħid ukoll dwar xi konsonanti. Hekk per eżempju, il-konsonanti siekta **'h'**, sa ftit snin ilu kien hemm min isemmagħha **' ħ'** fi kliem bħal **deheb**, **fehem** fejn kont tisma' **deħeb, feħem, seħem, ħemeż.** Illum m'għadekx tisma' min ilissinhom hekk.

**N**aħseb li b'dan tajt ħjiel ta' kif jissawwar d-djalett tas-Siġġiewi. Hemm wisq aktar xi tgħid fuq dan is-suġġett, aktar u aktar jekk jittieħed f'kuntest nazzjonali u jkopri n-naħat kollha ta' Malta u Għawdex. Nittama li dan l-eżerċizzju ċkejken iservi ta' stimulu għall-studjużi aktar impenjati f'din il-materja, bil-għan aħħari li joħroġ aktar tagħrif siewi dwar id-djaletti tal-Gżejjer tagħna.

* Awtur tal-Ktieb: *SIĠĠIEWI (Città Ferdinand) - A Profile of History, Social Life and Tradition.*



La Barbone Dolceria

*Prop. S.Camenzuli*

# Caterers for all occasions

"Yeppon" Bishop Caruana Street, Żebbuġ
Tel: 2146 0168 / 7946 0168, 9944 8015
Fax: 2146 1791